MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 995/2003/1

**Antoine Vassallo f' ismu *proprio* u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Mary Spiteri Tatchev u Dr. Vincent Galea LL.D. nominat b' digriet tas-17 ta' Gunju, 2003, bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Anguel Nickolaev Tatchev**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Settembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur nomine fid-19 ta' Mejju 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u hamsa u

erbghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1045.71) in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u hmistax-il lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm915.36) import ta' kambjali accettati u ffirmati mill-konvenuti u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, annessi mal-avviz u mmarkati Dok.1 sa Dok.8 u in kwantu ghal mija u tletin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm130.35) bhala imghaxijiet dovuti fuq il-kambjali surriferiti u fuq kambjali ohrajn bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez tal-mandat ta' qbid 973/2003 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-4 ta' Gunju, 2003 fejn intqal:

Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut u dana peress illi l-konvenuta gja ghamlet diversi pagamenti lill-atturi u minkejja dan l-atturi qatt ma taw il-kambjali lill-konvenuta wara li hija kienet ghamlet il-hlasijiet relattivi;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta prezentata fit-28 ta' Lulju, 2003 da parti tal-kuratur nominat biex jirraprezenta lill-assenti Anguel Nickolaev Tatchev, fejn intqal illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriserva d-dritt li jressaq dawk l-eccezzjonijiet u xhieda opportuni fi stadju ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta' Mary Spiteri Tatchev, Dr John Buttigieg, Sue Bartolo.

Ra n-nota prezentata mill-attur fis-6 ta' Novembru, 2003, li biha stante pagament ta' hames mitt lira (Lm500) fil-mori tal-kawza, huwa irriduca t-talba tieghu ghall-ammont ta' hames mija u hamsa u erbghin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm545.71).

Ikkunsidra:

1. L-azzjoni qed issir ghall-hlas ta' kambjali li kienu accettati mill-konvenuti.
2. Il-kambjali in kwistjoni huma dawk li skadew fil-25 ta' Mejju, 2002, 25 ta' Gunju, 2002, 25 ta' Lulju, 2002, 25

ta’ Awissu, 2002, 25 ta’ Settembru, 2002, 25 ta’ Ottubru, 2002, 25 ta’ Novembru, 2002, 25 ta’ Dicembru, 2002, kull kambjala fl-ammont ta’ mija u erbatax il-lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm114.42).

3. Jibda biex jinghad li fuq materja ta’ kambjali il-Qorti ta’ l-Appell kienet iddecidiet hekk:

“L-original tal-kambjala ghalkemm kellha tkun disponibbli ghall-Qorti biex tigi vverifikata mhux necessarjament tkun esebita bhala document flimkien ma’ l-att tac-citazzjoni. Dan ghaliex kif inhu risaput hi l-kambjala nfisha illi tirraprezenta t-titolu ta’ l-ammont tal-kreditu li kienet turi u wiehed jifhem ir-riluttanza tal-kreditur li ma jirrilaxxjax minn taht idejh u mis-sigurta` tieghu personali dan it-titolu jekk mhux kontra l-pagament tieghu da apparti tad-debitur.

Din il-Qorti tqis illi dak li hu essenzjali hu illi l-original tal-kambjala kellu jkun dejjem a disposizzjoni tal-Qorti biex f’kaz ta’ kontestazzjoni jkunu jistghu jsiru d-debiti verifiki u kontrolli.” (Falcon Limited vs Carmelo Ciappara dec iza 5 ta’ Ottubru, 1998)

4. Fil-kaz in ezami l-kambjali originali la ma gew esebiti, u lanqas ma kienu a disposizzjoni tat-Tribunal biex ikun jista’ jivverifikahom mal-kopji esebiti. F’dan is-sens l-azzjoni bhala azzjoni kambjarja ma treggix. Dan il-punt tqajjem fit-trattazzjoni mill-abbli difensur tal-konvenuta.

5. Bhala fatti l-istess Sue Bartolo ghall-attur nominee pprezentat sett ta’ kambjali ta’ kawza li gja nqatghet, referibilment ghall-kawza fl-ismijiet “Antoine Vassallo pro et noe vs Dr. Richard Sladden noe et” deciza fil-25 ta’ Ottubru, 2002, (Avv. Nru.1316/02 per Gudikatur Dr Anthony Ellul)

6. Pero` apparti dan, jirrizulta li l-ammont ta’ disa’ mitt lira kien thallas permezz ta’ bank draft. Apparti dan jirrizulta li l-attrici effetwat pagamenti kif ser jinghad, elf u tmien mitt lira depozitu, hames t’elef mija u tmienja u erbghin lira u disghin centezmu tramite il-Bank of Valletta, u hames mitt lira fil-mori tal-kawza.

7. Il-vettura li xtrat kienet tiswa sebgha t’elef lira (Lm7000) u hi effettwat pagamenti f’total ta’ tmien t’elef tlett mija u tmienja u erbghin lira u disghin centezmu (Lm8348.90). Ghalhekk jirrizulta li ma ghad hemm xejn dovut mill-konvenuta lill-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq indikati, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici kif ridotta.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza appella l-attur *proprio et nomine* bl-aggravju illi t-Tribunal kien zbaljat meta cahadlu t-talba ghal hlas tal-kambjalijiet li skadew. Huwa jissottometti illi l-konvenuti ma gabu l-ebda prova li l-kambjalijiet meritu tal-kawza gew imhallsa jew li l-ammont pretiz ma kienx dovut;

Ri-epilogu tal-fatti saljenti f' dan il-kaz jaghti dan il-kwadru:-

1. Il-konvenuta Mary Spiteri Tatchev xtrat vettura minghand l-appellanti versu l-prezz ta' sebat elef lira (Lm7000) li minnu hallset elf u tmien mitt lira (Lm1800) bhala depozitu inizzjali. Dwar il-bilanc saru kambjalijiet ghall-korrispettiv ta' mija u erbatax-il lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm114.42) pagabbli kull xahar;

2. Hi tghid li mal-Bank of Valletta hallset is-somma ta' hamest elef mija u tmienja u erbghin lira u disghin centezmu (Lm5148.90). Ta' dan il-Bank kien ghaddielha l-kambjali relattivi;

3. Hemm qbil bejn il-kontendenti illi permezz ta' Avviz Numru 1316/02 kienu ttiehdu proceduri kontra l-konvenut ghal hlas ta' tmien mitt lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm800.82) import ta' kambjalijiet li kienu immaturaw. Jinghad li din il-kawza giet introdotta fit-23 ta' Mejju 2002 u deciza fl-24 ta' Ottubru 2002 (ara kopja tas-sentenza a fol. 48). Ix-xhud Sue Bartolo (fol. 36) tiddikjara illi dik is-somma kienet tirreferi ghall-kambjalijiet bejn il-25 ta' Awissu 2001 u l-25 ta' April 2002 (kopja taghhom esebiti flimkien ma' Nota a fol. 47);

4. Is-somma hekk kanonizzata flimkien ma' l-ispejjez thallset fil-25 ta' Marzu 2003 lil Marixxal ezekutant, kif evidenzjat mir-ricevuta a fol. 19. Il-konvenuta taccetta li dan il-hlas kien in sodisfazzjon ta' l-ammont kanonizzat b' dik is-sentenza;

5. Jirrizulta inoltre li fil-mori tal-kawza l-konvenuta hallset l-ammont ta' hames mitt lira (Lm500) (ara xhieda ta' Dr. John Buttigieg a fol. 34) u allura permezz ta' Nota (fol. 45) l-ammont reklamat gie ridott ghal hames mija u hamsa u erbghin lira, wiehed u sebghin centezmu (Lm545.71);

6. Irid jinghad ukoll illi flimkien ma' l-avviz tal-kawza odjerna l-attur esebixxa fotokopji ta' tmien (8) kambjalijiet li jkopru l-perijodu mill-25 ta' Mejju 2002 sal-25 ta' Dicembru 2002. Ad eccezzjoni tal-kambjala tal-25 ta' Mejju 2002 l-originali taghhom gew esebiti flimkien mar-rikors ta' l-appell. Fuq tlieta minnhom hemm annotat "Paid" u dan presumibilment in vista tal-hlas li sar fil-mori tal-kawza;

Premessi dawn il-fatti, it-Tribunal jitlaq mill-premessa illi gjaladarba l-original tal-kambjalijiet ma gewx esebiti u dan lanqas ma kienu ghad-disposizzjoni tieghu, *ergo* l-azzjoni kambjarja ma tregix. Konsegwentement, hu ghadda biex b' semplici kalkolu matematiku rraguna li l-konvenuti hallsu l-ammont kollu u xejn aktar ma kien dovut lill-appellanti;

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali u ssib li r-ragunament tat-Tribunal mhux nieqes minn vizzji logici. Ibda biex ma jirrizultax li l-kambjalijiet infushom, anke jekk fotokopji, kienu kkontestati. Dak li verament kien kontestat hu l-fatt li skond l-appellati l-ammont mitlub mhux dovut u dan minkejja li l-attur appellant ma ghaddilhomx il-kambjalijiet lura. Din kienet l-unika eccezzjoni. Hawn tinsorgi mill-ewwel il-mistoqsija illi jekk verament din kienet il-linja difensjonali tal-konvenuti allura

ghalfejn ghaddew fil-mori tal-kawza biex hallsu s-somma ta’ hames mitt lira;

Issa huwa veru li l-konvenuta Mary Spiteri Tatchev issostni li ghalkemm ghamlet pagamenti mhux dejjem inghatat lura l-kambjalijiet. Jekk dan hu hekk u hi ghamlet il-pagament, ghaliex ma nsistietx ghar-ritorn lilha tal-kambjalijiet. Tqum ukoll il-mistoqsija ghaliex ma nsistietx f’ din il-procedura ghall-produzzjoni ta’ l-originali tal-kambjalijiet;

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi t-Tribunal ma kellux daqstant leggerment jinnewtralizza b’ semplici dikjarazzjoni l-azzjoni kambjarja fuq il-pretest li l-originali tal-kambjali ma tqeghdux ghad-disposizzjoni tieghu. Dikjarazzjoni din assidwament kuntrastata mill-appellanti fil-korp tar-rikors ta’ l-appell tieghu tant li ssottometta li dawn gew murija lit-Tribunal izda dan iddikjara li ma kienx hemm ghalfejn jigu hekk esebiti. Anke li kieku stess il-kaz kien kif dikjarat mit-Tribunal l-anqas li seta’ jsir kien li jintalab minnu jew mill-kontroparti l-prova ta’ l-ezistenza u ta’ l-awtenticita` tal-kambjalijiet. Mill-atti tal-kawza talba bhal din ma jidherx li saret, u allura l-azzjoni, purament wahda kambjarja, ma kellhiex titqies bhala azzjoni naxxenti minn sempliciment obbligazzjoni civili jew kummercjali;

Ferma din il-konsiderazzjoni, li l-kaz kellu jibqa’ jigi meqjus bhala azzjoni kambjarja, kien jinkombi fuq il-konvenuti li jfornu prova dimostrattiva tal-hlas minnhom allegat. Prova din gravanti fuqhom (Kollez. Vol. XXXV P III p 604) li huma setghu jaghmlu b’ kull wiehed mill-mezzi stabbiliti mill-Kapitolu 12, purke ikun mezz konvincenti. It-Tribunal jidher li accetta tali prova, anke jekk mill-atti ma jirrizulta ebda dokument provanti l-pagamenti li jinghad li saru;

Anke kieku kellha pero` din il-Qorti taqbel mal-veduta tat-Tribunal in meritu, xorta wahda jibqa’ l-fatt illi l-materja kellha tigi rigwardata fil-qafas ta’ l-azzjoni kambjarja. Hi

regola fl-azzjonijiet kambjarji li l-kambjalijiet huma prova tal-kontenut taghhom. Dawn il-kambjalijiet jikkostitwixxu mhux biss it-titolu ghall-pagament imma wkoll iservu ta' ricevuta tal-hlas taghhom. Issa jinsab deciz illi la darba l-attur juri li hu l-possessur tal-kambjalijiet "id-debitur tal-kambjalijiet ma jistax jirrifjuta l-pagament lill-possessur hlief fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-possessur" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1366**). F' dan il-kaz l-attur wera li l-kambjalijiet, li taghhom ippretenda li jirriskwoti l-hlas, kienu ghadhom fil-pussess tieghu. Kambjalijiet dawn korrispondenti ghall-perijodu determinat, u kif jinghad fl-Artikolu 174 tal-Kodici tal-Kummerc meta "kambjala tkun migbuda ghal zmien jew jum determinat ghandha tithallas fiz-zmien jew fil-jum fiha msemmija". Dan ma jidherx li sar, kif dimostrat kemm fl-azzjoni odjerna, kif ukoll f' dik l-ohra precedenti deciza fl-24 ta' Ottubru 2002;

Fir-rigward fuq dan il-punt din il-Qorti taghlaq b' din l-osservazzjoni. Kieku verament il-konvenuti appellati hallsu l-import tal-kambjalijiet meritu ta' l-odjerna azzjoni kien fid-dover taghhom li jesigu r-ritorn ta' l-istess kambjalijiet bhala ricevuta dimostrattiva tal-pagament. Jigi ripetut ukoll illi jekk verament hallsu ma kien hemm ebda raguni illi fil-mori tal-kawza, u minn rajhom, ihallsu s-somma ta' hames mitt lira (Lm500). Jibqa' l-fatt illi jekk il-konvenuti ma esigewx li jinghataw il-kambjalijiet – u li dejjem, skond kif mistqarr, kienu hekk jinghatawlhom meta kienu jhallsu lill-Bank – dan esponihom ghar-riskju li jigu msejha biex ihallsu l-ammont li jirrapprezenta dawk il-kambjalijiet li kienu fil-pussess ta' l-attur;

Issa meta wiehed jassomma t-total tal-kambjalijiet – u din il-Qorti qed tikkalkola dawk originali esebiti mar-rikors ta' l-appell – dan igib ghas-somma totali ta' tmien mitt lira u erbgha u disghin centezmu (Lm800.94,0). Gjaladarba fil-mori sar pagament ta' hames mitt lira (Lm500) ifisser li l-ammont bailancjali dovut huwa ta' tliet mitt lira u erbgha u disghin centezmu (Lm300.94,0) u hi din is-somma li ghandha tithallas mill-konvenuti. S' intendi l-konvenuti ghandhom ihallsu wkoll l-interessi fuq is-somma shiha,

izda konsiderat il-hlas parzjali li gja sar, b' effett mid-data tan-notifika ta' l-avviz (23 ta' Mejju 2003).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti jhallsu lill-attur *proprio et nomine* s-somma bilancjali ta' tliet mitt lira Maltin, u erbgha u disghin centezmu (Lm300.94,0) bl-interessi kif fuq gja spjegat;

L-ispejjez gudizzjarji ta' din il-procedura jitbatew mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------